Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Numru: 179/2013

Il-Pulizija

(Spettur Pierre Grech)

vs

Brian Azzopardi

iben George, imwieled Floriana, fit-23 ta' Diċembru, 1961, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 42062(M)

Illum it-28 ta' Mejju 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Brian Azzopardi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat talli f'dawn il-Gżejjer nhar it-12 ta' Ottubru, 2006, u matul l-aħħar erba' snin qabel din id-data:

1. Biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' April, 2013 fejn il-Qorti sabet ħtija għaż-żewġ akkuzi kif dedotti, b'dan illi t-tieni akkuża qisitha assorbita fl-ewwel akkuża, u dan wara li rat l-Artikoli 8, 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-imputat għal piena ta' ħabs għal żmien 3 snin u ghal multa ta' €4,000. Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kkundannat lill-imputat għall-hlas tal-ispejjeż peritali fl-ammont ta' €1,549.20.

Il-Qorti ordnat wkoll li tiġi konfiskata biss is-somma ta' Lm120.00 misjuba fil-but tal-imputat, in vista' ta' dak riprodott fl-SMSs. Il-Qorti ma ordnatx l-konfiska tal-flus l-oħra biss għaliex hi probabbli t-teżi tad-Difiża tat-tfaddil. Ordnat wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti, u d-distruzzjoni tad-droga eżebita, liema eżebiti jġibu n-numri KA 236.2006 (kaxxa tal-cling film; pakkett tas-sigaretti, karti tas-sigaretti, żewġ lighters; 3 biċċiet karti), KA272.2006 (mobile Samsung + mobile Sharp), KB 24.2007(droga).

Rat ir-rikors tal-appellant Brian Azzopardi tat-23 ta' April, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-parti fejn sabitu hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni [ bl-assorbiment tat-tieni fl-ewwel] b' dan li pero illi huwa għandu jiġi misjub ħati biss ta' dawn ir-reati relattivament biss għad-data tat-12 ta' Ottubru 2006 u mhux tal-perjodu tal-4 snin ta' qabel dik id-data, tħassar dik il-parti fejn huwa ġie kkundannat għall-piena ta' 3 snin priġunerija u multa ta' €4,000 u minflok tinfliġġi piena ferm aktar miti u ġusta għall-każ.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi permezz ta' rikors datat is-27 ta' April 2015 l-appellant talab lil din il-Qorti kif diversament ippreseduta tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga u sussegwentement tordna l-prosegwiment tal-każ fl-ismijiet premessi a tenur tal-artikolu 8 et seq tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi permezz ta' digriet datat it-13 ta' Novembru 2019, din il-Qorti kif ippreseduta laqat din it-talba u konsegwentement wara li assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, rreferiet lill-appellant quddiem il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 u ordnat il-komunika tad-digriet tagħHa lil dan il-Bord sabiex hu jottempera ruħu ma dak dispost fl-artikolu 8(10) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz ta' nota bil-miktub.

Rat ukoll in-nota mill-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-droga datata it-13 ta' Jannar 2020 li ġiet debitament aġġornata nhar it-3 ta' Settembru 2020, nhar l-10 ta' Novembru 2020, u nhar il-25 ta' Jannar 2021 rispettivament kif ukoll il-konklużjoni tal-Bord milħuq nhar it-28 ta' Jannar 2021, fit-terminu preskritt mill-artikolu 8(5) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn ġie deċiż illi l-appellant Brian Azzopardi segwa l-proċess ta' rijabilitazzjoni u kien temm l-istess b'suċċess.

Rat illi apparti għal din il-każ l-appellant ma għandux proċeduri oħra pendenti quddiem qrati oħra fejn konsegwentement is-subartikolu (6A) tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537, ma jsibx applikazzjoni f'dan il-każ.

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi għalkemm l-appellant ressaq talba quddiem il-Qorti sabiex hija tikkonverti ruħha f' Qorti dwar id-Droga, madanakollu huwa ma rrinunzjax għall-aggravji mqajjma minnu fir-rikors tal-appell. Issa l-appellant ma jikkontestatx is-sejbien ta' ħtija għar-reati lilu addebitati, iżda jisħaq illi dawn ġew minnu kommessi unikament fil-jum ta' bejn il-ħdax u t-tnax ta' Ottubru tas-sena 2006, u mhux ukoll fil-perijodu ta' erba' snin preċedenti it-tnax ta' Ottubru 2006 kif indikat fiċ-ċitazzjoni, għal liema perijodu taż-żmien huwa ukoll ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti. Jilmenta illi għalkemm l-Ewwel Qorti laqgħat it-teżi tad-difiża illi l-appellant kellu vizzju serju ta' konsum tad-droga cannabis tant illi beda jieħu l-kalmanti sabiex jipprova jtaffi l-kilba tiegħu għal din is-sustanza, u wkoll qabblet miegħu li l-parti l-kbira tal-flus li ġew misjuba mill-pulizija fil-pussess tiegħu ma kellhomx provenjenza illeċita, madanakollu imbagħad tat piż żejjed lil-messaġġi jew sms's misjuba mill-espert tekniku fuq it-telefon ċellulari tiegħu, li fil-fehma ta'l-Ewwel Qorti kienu ndikattivi ta' negozju ta' spaċċ ta' droga. Jisħaq illi

dawn il-messaġġi aktar jindikaw li kien hu li kien qed jipprova jakkwista s-sustanza minn persuna injota u mhux bil-maqlub, kif jidher li fehmet erronjament l-Ewwel Qorti. Finalment jgħid ukoll illi mix-xhieda ta' Marcel Mizzi joħroġ ukoll ċar illi dakinhar tat-12 ta' Ottubru 2006 jikkostitwixxi l-unika okkażjoni illi kien ittraffika d-droga u dan meta fuq inizzjattiva ta' Mizzi stess, l-appellant kien offra li jagħtih ftit mid-droga li kellu mingħajr ma żammlu flus u dan sabiex jgħin lil Mizzi jtaffi mill-ansjeta' li kien qed iħoss f'dawk iż-żminijiet. Fil-fatt l-appellant irreġistra ammissjoni limitatament għall-pussess sempliċi ta' droga u dan mingħajr riserva għal dak li jirrigwarda t-terminu ta' żmien ndikat fiċ-ċitazzjoni, u dan ukoll ghaliex jidher kif jammetti huwa stess kellu dipendenza qawwija fuq id-droga.

Ikkunsidrat,

Illi minn eżami tar-rapport u tax-xiehda tal-espert tal-informatika maħtur mill-Ewwel Qorti, Dr. Martin Bajada, jidher illi fil-pussess ta'l-appellant ġew misjuba żewġ mobiles b'numri differenti, u cioe', 79206558 u 99800609. Illi fir-rigward tal-ewwel numru jidher illi fil-11 ta' Ottubru 2006 l-appellant kien irċieva xi messaġġi li ġew senjalati mill-espert bħala suspettużi min-numru 79805991 fejn qed isir xi diskors dwar il-prezz ta' oġġett li jitkejjel bl-użin. F'dawn il-messaġġi li intbagħtu lill-appellant fil-11 ta' Ottubru 2006, jidher li qed isir xi tip ta' ftehim, iżda x'wieġeb l-appellant għalihom mhux magħruf. Fir-rigward tal-messaġġi misjuba fit-telefon ċellulari bin-numru 99800609, ma jidhirx illi hemm xi messaġġi li qanqlu suspett b'rabta ma dan il-każ. In oltre mhux magħruf lanqas jekk in-numru 79805991 jappartjenix lil Marcel Mizzi allavolja skond l-appellant dan mhux in-numru ta' Marcel Mizzi. Ma jidhirx lanqas illi Mizzi ntalab mill-Prosekuzzjoni jikkonferma n-numru telefoniku tiegħu allavolja ħa l-pedana tax-xhieda darbtejn quddiem l-Ewwel Qorti u minn dak li analizzat din il-Qorti mill-atti ma tirriżultax prova oħra f'dan is-sens. Kwindi jidher illi l-prosekuzzjoni attribwiet it-terminu ta' erba' snin qabel it-12 ta' Ottubru 2006 għal-fatt li skond il-provi rriżulta li l-appellant kien ilu jaf lil Mizzi għal madwar tlett snin qabel il-każ u fejn skond dak li xehed Mizzi mhux l-ewwel darba meta ltaqgħu fil li kien isir xi diskors dwar id-droga, allavolja Mizzi stess jisħaq ripetutament illi hu qatt ma kien akkwista droga mingħand Azzopardi qabel it-12 ta' Ottubru 2006. Illi l-Qorti hija tal-fehma allura illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tressaq provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni illi l-appellant kien qiegħed jispaċċa id-droga għall-erba' snin preċedenti d-data indikata fl-akkuża u allura l-aggravju tiegħu f'dan is-sens jistħoqqlu akkoljiment.

Illi dan magħdud għalkemm l-appellant jikkontesta s-sejbien ta' ħtija għar-reati lilu addebitati għal perijodu ta' erba' snin preċedenti it-12 ta' Ottubru 2006, madanakollu huwa ma jikkontestax imbagħad il-fatt illi f'dak il-jum huwa verament għadda d-droga lil Mizzi biex b'hekk allura l-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati jirriżultaw ippruvati. Issa l-aggravju tal-appellant semmai jista' jkollu piz biss fir-rigward tal-quantum tal-piena li għandha tiġi erogata fil-konfront tiegħu, iżda wara li issa l-Qorti ikkonvertiet ruħha f'Qorti dwar id-Droga, tqies illi ġaladarba dak li qed ifittex l-appellant bit-talba minnu magħmula issa fi stadju ta' reviżjoni, huwa illi jingħata sentenza fil-komunità jew sentenza alternattiva għal dik tal-priġunerija effettiva, hija tal-fehma illi qabel xejn għandu jiġi trattat l-aggravju marbut mal-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mir-rapport tal-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti fid-digriet tagħha tat-13 ta' Novembru 2019, jirrizulta illi l-appellant huwa kandidat idonju sabiex fil-konfront tiegħu jiġu applikati d-dettami tas-subartikoli (7) u (8) tal-Kapitolu 537 li jiddisponu testwalment:

(7) Fil-każijiet fejn jissejħu lura każijiet oħra skont it-termini tas-subartikolu (6) il-Qorti tista', minkejja kull liġi oħra, fil-każ fejn persuna tinsab ħatja, tiddeċiedi li ma tapplikax it-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta'terminu ta' priġunerija applikabbli għal xi reat li, fir-rigward tiegħu, il-persuna akkużata tinsab ħatja:

Iżda l-Qorti għandha tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' probation jew tas-sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija fil-każ biss li tkun sodisfatta fuq bilanċ ta' probabbiltajiet li r-reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja kien prinċipalment attribiwibbli għad-dipendenza tagħha fuq id-droga.

(8) Fl-għoti tas-sentenza fil-każijiet li għalihom japplikaw is-subartikoli (5), (6) u (7), il-Qorti tista' wkoll tordna li kull reat li dwaru l-persuna akkużata nstabet ħatja, minbarra reat li għalih il-persuna akkużata ingħatat sentenza ta' priġunerija mingħajr l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, m'għandux jittieħed f'konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta wara li jgħaddi perjodu li jkun minimu ta' sena u massimu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza tal-Qorti sakemm il-ħati ma jsirx reċidiv.

Illi mid-dokumenti annessi mar-rapport tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni jirriżulta b'mod ċar illi l-appellant ikkopera bis-sħiħ fil-programm ta' riabilitazzjoni u dan allavolja hu

kien sostna mill-bidu nett illi ma kienx għadu aktar dipendenti fuq id-droga. Hu kien dejjem konsistenti fl-għoti tal-kampjuni tal-urina li kien obbligat li jipprovdi darba fil-ġimgħa, fejn skond dak irrapurtat dawn kienu kollha fin-negattiv. Dan kollu jfisser għal Qorti illi l-appellant irnexxielu jegħleb il-problema ta' tossikodipendenza serja li kien afflitt minnha.

Illi mis-social inquiry reports li ġew imħejjija, wieħed quddiem l-Ewwel Qorti u l-ieħor quddiem din il-Qorti, mill-Uffiċjali tal-Probation Saviour Lia u Marilyn Formosa rispettivament, jirriżulta wkoll illi allavolja l-appellant kien dipendenti fuq id-droga cannabis minn età żgħira, hu irnexxielu jegħleb dan il-vizzju tant illi ilu ma jabbuża mid-droga għal diversi snin, għandu ħajja stabbli bil-familja tiegħu tgħix fir-residenza tiegħu u saħansitra għandu impjieg għalkemm mhux wieħed regolarizzat.

Illi għalhekk fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti issa assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula, tqies illi l-aggravju imressaq 'il quddiem mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti jistħoqqlu akkoljiment. Fid-dawl tal-fatt ukoll illi l-appell tal-appellant għalhekk ġie arġinat fil-parametri ta' din il-funzjoni li l-Qorti assumiet fuq talba tiegħu stess, tqies illi ma għandiex għalfejn tinoltra ruħha fl-aggravji minnu ntentat marbut mal-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti wkoll għaliex, kif ingħad, dawn l-aggravji jista' jkollhom biss impatt fuq il-piena u mhux ukoll fuq il-mertu tal-każ. Jingħad biss illi l-Qorti ser tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti fil-mertu unikament fejn din sabitu ħati ukoll tar-reati lilu addebitati għal perijodu ta' erba' snin preċedenti d-data indikata fl-akkuża, billi, kif ingħad aktar 'il fuq, ma hemmx provi sal-grad rikjest mil-liġi li jindika illi r-reati ġew kommessi ukoll f'dan il-perijodu ta' żmien.

Għalhekk tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-każ, għandu japplika l-Artikolu 8(7) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-proviso tal-istess sub-artikolu b'dan għalhekk illi la darba l-Qorti hija sodisfatta illi r-reati li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati kienu prinċipalment attribwibbli għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' priġunerija jew l-esklużjoni tas-sospensjoni tat-terminu ta' priġunerija, altrimenti applikabbli għar-reat odjern. Tqis ukoll illi fid-dawl tan-natura serja tal-imputazzjoni li dwarha l-appellant instab ħati, sentenza ta' priġunerija sospiża hija il-piena idoneja.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, wara li rat l-artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant instab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, iżda dan biss għal jum tat-12 ta' Ottubru 2006, tvarja il-piena inflitta, u tgħaddi għalhekk biex tikkundanna lill-appellant Brian Azzopardi għall-perijodu ta' sitt xhur (6) priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta dan il-perijodu ta' priġunerija qed jiġi sospiż għal żmien sentejn (2) snin mil-lum. Tvarja wkoll dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie ikkundannat għal ħlas tal-multa ta' €4000 u minflok tordna lill-appellant iħallas multa ta' sitt mitt ewro €600. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ġie ordnat iħallas l-ispejjeż peritali fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali lir-Reġistratur tal-Qorti fl-ammont ta' €1549.20, li għandhom jitħallsu fi żmien sena mil-lum, kif ukoll fejn ġiet ordnata l-konfiska tas-somma ta' Lm120.

Il-Qorti qed twissi lil ħati bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) għall-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Edwina Grima

Imħallef